

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-23 ta' Jannar 2018 – FV vs Il-Kunsill

(Kawża T-639/16 P) ⁽¹⁾

("Appell — Servizz pubbliku — Ufficijali — Evalwazzjoni — Rapport ta' evalwazzjoni — Rapport ta' evalwazzjoni tal-karriera — Eżerċizzju ta' evalwazzjoni — Ċaħda tar-rikors fl-ewwel istanza — Kompożizzjoni tal-kulleġġ għidikanti li ddeċieda s-sentenza fl-ewwel istanza — Proċedura għall-ħatra ta' mħallef tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku — Qorti stabbilita bil-liġi — Princípiju ta' qorti stabbilita mil-liġi")

(2018/C 083/30)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: FV (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Appellat: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-B. Laignelot u M. Bauer, aġenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Ġunju 2016, FV vs Il-Kunsill (F-40/15, EU:F:2016:137) u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

- 1) Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Ġunju 2016, FV vs Il-Kunsill (F-40/15), hija annullata.
- 2) Il-kawża hija mibgħuta lura quddiem awla tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku differenti minn dik li ddeċidiet dwar dan l-appell.
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.

⁽¹⁾ ġu C 419, 14.11.16.

Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-23 ta' Jannar 2018 – Wenger vs EUIPO – Swissgear (SWISSGEAR)

(Kawża T-869/16) ⁽¹⁾

("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea SWISSGEAR — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Artikolu 52(1)(a) u Artikolu 76 tar-Regolament Nru 207/2009 (li saru l-Artikolu 59(1)(a) u l-Artikolu 95 tar-Regolament 2017/1001)")

(2018/C 083/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Wenger SA (Delémont, l-Isvizzera) (rappreżentanti: K. Ikas u A. Sulovsky, avukat)